MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2010

Appell Kriminali Numru. 26/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**John Mary Caruana**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell, interpost minn John Mary Caruana, minn sentenza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-20 ta' Jannar 2010. L-imsemmi John Mary Caruana (bin Joseph u Mary nee Grech, imwieled Hal-Qormi fis-27 ta' Gunju 1953, detentur tal-karta ta' l-identita` nru 462953M) tressaq quddiem l-imsemmija qorti akkuzat talli fis-16 ta' Ottubru 2008 u fil-granet ta' qabel, caqlaq u/jew zamm b'mod illegali annimali bi ksur tar-regolamenti 3 u 5 tal-Avviz Legali 86/1980 (illum Legislazzjoni Sussidjarja 36.28).

**2.** Fl-20 ta' Jannar 2010 l-imsemmi Caruana instab hati u, wara li l-ewwel qorti ghamlet referenza ghall-Artikolu 57 tal-Kap. 437 (kif ukoll ghar-regolamenti imsemmija fil-paragrafu precedenti), ikkundannat lill-imsemmi Caruana multa ta' erbat elef euro (€4,000).

**3.** Caruana appella permezz ta' rikors presentat fid-29 ta' Jannar 2010. Ghalkemm f'dan ir-rikors huwa ressaq xi aggravji marbuta mal-"legalita`" tal-A.L. 86/1980 – ez. li ma saritx il-prova li dawn ir-regolamenti gew debitament pubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern jew li tqieghdu fuq il-mejda tal-Kamra – aggravji li kjarament jezorbitaw mill-kompetenza ta' din il-Qorti – fl-udjenza tal-14 ta' Mejju 2010 id-difensur tal-appellant irrinunzja ghal dawn l-aggravji, izda zamm ferm l-aggravju principali, li hu li l-ewwel qorti qatt ma setghet tapplika l-piena li effettivament applikat ghax kienet qeghda in effetti tapplika ligi b'ohra. Subordinatament hu jilmenta li l-piena inflitta fuqu kienet esagerata.

**4.** Bhala fatt jirrizulta li fil-gurnata indikata fl-imputazzjoni, ufficjali tas-servizzi veterinarji, akkumpanjati minn ufficjali tal-Pulizija, ghamlu perkwisizzjoni f'ghalqa f'Hal-Qormi, proprjeta` tal-appellant, u fiha sabu zewg majjali kbar, erba' majjali zghar, seba' naghgiet kbar, tliet moghziet kbar, u erba' moghziet zghar. Dawn il-wiehed u ghoxrin annimal tal-ispecji ovina, kaprina u suina kienu qed jinzammu minghar ebda licenzja u minghajr ma kienu debitament registrati skond il-ligi. Jigi precisat li l-kundizzjoni li fiha nstabu dawn l-annimali ma kienitx tindika li dawn kienu b'xi mod qed jinhaqru – anzi x-xhud Joseph Zammit jeskludi li kien hemm xi element ta' mohqrija, ghalkemm jaccenna ghall-fatt li ma jidhirx li huma kienu qed jinghataw ghalf bilancjat, kif suppost li jinghataw, izda biss haxix. Dawn l-annimali kollha nqatlu mill-awtoritajiet sanitarji.

**5.** Issa, l-imputazzjoni kif migjuba mill-Pulizija kjarament tipotizza r-reati kontemplati fir-regolamenti 3 u 5 tal-imsemmi A.L. 86 tal-1980, u xejn aktar, ghax il-Pulizija ghazlu li jikwotaw kapitlu u vers mill-ligi! Dawn ir-regolamenti saru taht, u in forza ta', l-Ordinanza dwar it-

Tharis mill-Mard (Kapitolu 36), u kwindi l-appellant ghandu ragun jilmenta li l-ewwel qorti applikat ligi b’ohra, cioe` applikat il-Kap. 437 (l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji li gie fis-sehh fl-1 ta’ Frar 2002) minflok l-imsemmi Kap 36. Dan il-Kap. 437, ghalhekk, ma jiccentra xejn. Il-piena f’dan il-kaz kienet dik kontemplata fl-Artikolu 109(1)(b)(i) tal-Kap. 36, li tipprovdi ghal multa ta’ mhux anqas minn €1,164.69 izda mhux izjed minn €2,329.37.

**6.** L-argument migjuba mill-appellant li huwa diga` “patta” ghan-nuqqas tieghu peress li l-annimali nqatlulu u hu mhux ser jiehu kumpens ghalihom, huwa wiehed li ftit li xejn jista’ jincidi fuq il-piena. Anqas ma hu l-kaz hawnhekk tal-applikazzjoni ta’ xi ordni ta’ *probation* jew *conditional discharge*, kif qed jippretendi l-appellant. Hawn si tratta ta’ reati li jolqtu l-ordni pubbliku ghax huma ntizi ghall-protezzjoni u l-harsien tal-pubbliku mill-mard, haga li hija serjissima u li ebda qorti ma ghandha, bil-piena li taghti, timminimizza. L-appellant, veru, seta’ kien qed izomm dawn l-annimali bhala “pets”, izda dan ghamlu b’riskju ghas-sahha pubblika. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, ghalkemm il-piena tal-multa ser tigi ridotta biex tkun konformi mal-ligi applikabbli – u mhux ma’ ligi li ma kienitx applikabbli – wiehed irid ukoll jiehu in konsiderazzjoni l-gravita` tal-kaz.

**7.** Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti fejn l-appellant instab hati skond l-imputazzjoni kif dedotta, thassarha u tirrevokaha in kwantu huwa gie kkundannat multa ta’ €4,000 u minflok, wara li rat ir-regolamenti 3 u 5 tal-A.L. 86/1980 (S.L.36.28) u l-Artikolu 109(1)(b)(i) tal-Kap. 36, tikkundanna lill-appellant multa ta’ elfejn euro (€2,000), konvertibbli f’hames xhur prigunerija f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------